



Protezzjoni tal-ħaddiema fil-Lukandi, ir-Ristoranti u l-Kejtering



Bil-korteżija ta' Prevent

Introduzzjoni

Is-settur tal-lukandi, tar-ristoranti u tal-forniment ta' l-ikel (Horeca) ikopri l-lukandi, il-ħwienet tax-xorb, il-pubs, ir-ristoranti, il-kejterers b'kuntratt, il-ħwienet li jservu l-ikel ta' malajr għal barra, il-kafeteriji u l-bistros. Huwa settur importanti li joħloq ix-xogħol fil-qasam tas-servizzi u, għal ħafna Stati Membri ta' l-UE, fl-ekonomija b'mod ġenerali. Dan is-settur li qiegħed jikber attwalment jimpjega iżjed minn 7.8 miljun ruħ

fil-Unjoni Ewropea.

Din il-folja bil-fatti tippreżenta s-sejbiet prinċipali tar-rapport dwar il-prevenzjoni fil-Horeca. L-għan tiegħu huwa li jagħti ħarsa ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS), jidentifika prattika tajba, u jeżamina l-bidliet prinċipali fil-qasam ta' l-impjegat u dawk ekonomiċi li qegħdin isefħu fis-settur.

Karatteristiċi tas-settur

Is-settur tal-Horeca huwa kompost prinċipalment minn intrapriżi żgħira li jimpjegaw 10 persuni jew anqas. Il-forza tax-xogħol tiegħu hija żagħżuġha: skond l-istatistiċi Ewropej (UE-25, Eurostat 2005) madwar 48 % għandhom inqas minn 35 sena, u l-persuni ta' 55 sena u aktar jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-forza tax-xogħol, għalkemm in-numri qegħdin jiżdiedu b'riżultat tat-tibdil demografiku. L-għadd ta' ħaddiema nisa – 54 % tal-forza tax-xogħol – huwa akbar minn dak ta' l-irġiel. Is-settur huwa kkunsidrat bħala post tajjeb għal persuni żgħażaġh u dawk relattivament mhux imħarrġa biex jidħlu fil-forza tax-xogħol. Il-livell edukattiv tal-forza tax-xogħol huwa baxx: 40 % ta' l-impjegati huma relattivament mhux imħarrġa; impjegat wieħed biss minn kull għaxra għandu livell għoli ta' edukazzjoni. Minkejja l-kundizzjonijiet iebes tax-xogħol, is-settur m'għandux rati ta' inċidenti u mard ogħla mill-medja.

Linji politiċi u prattiċi Ewropej, nazzjonali u lokali

F'dawn l-aħħar snin, il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol saret dejjem aktar kumplessa. Xi 90 % ta' l-istabbilimenti kollha tal-Horeca huma żgħira ħafna, ħafna drabi min iħaddem m'għandux il-ħin u r-riżorsi biex jifhem u jsegwi l-kwistjonijiet leġiżlattivi li jaffettwaw is-settur. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq livell ta' kumpanija tidher li hija problema sinifikanti fis-settur.

Fuq livell Ewropew, il-ħaddiema huma koperti mid-Direttiva Qafas 89/391/KEE. Din titlob li min iħaddem iwettaq evalwazzjonijiet tar-riskju u timponi obbligu ġenerali fuq min iħaddem biex jassigura s-saħħa u s-sigurtà ta' l-impjegati kollha fuq il-post tax-xogħol.

Ftit hemm linji politiċi fformulati speċifikament għas-settur tal-Horeca. Xi linji politiċi, bħall-punt ta' kontroll kritiku għall-analiżi tal-periklu (HACCP – hazard analysis critical control point) u l-projbizzjoni tat-tipjip, wasslu sabiex l-istituzzjonijiet ta' l-Istat u l-fornituri tas-servizzi ta' prevenzjoni jħarsu aktar mill-qrib lejn is-settur. F'xi każijiet, dan wassal biex jiġu introdotti aktar miżuri ta' saħħa u sigurtà.

Fl-2004, il-Federazzjoni Ewropea tat-Trejdjunjins ta' l-Ikel, Agrikoltura u Turiżmu (EFFAT) u l-Hotrec, l-assoċjazzjoni kummerċjali tal-lukandi, ristoranti u kafeteriji fl-UE u ż-ŻEE, iffiraw dokument konġunt bit-titlu 'Inizjattiva sabiex tittejjeb ir-responsabbiltà soċjali korporattiva fis-settur ta' l-ospitalità'.

Suġġetti ttrattati mid-dokument

- L-opportunitajiet indaqs u n-non-diskriminazzjoni: L-intrapriżi għandhom jiżviluppaw linji politiċi sabiex ikopru r-reklutaġġ, il-ħlas, il-promozzjoni, it-taħriġ u t-tmiem tal-kuntratt.
- Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol: Għandhom jiġu inkoraġġiti prattiċi bħal 'qsim tax-xogħol', ħin flessibbli u miżuri oħra biex jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja. L-intrapriżi għandhom ifittxu wkoll li jimpjegaw mill-ġdid ħaddiema staġjonali minn staġun għall-ieħor biex iżommu l-istabilità u l-kontinwità.
- Ħlas ġust: Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni għandu japplika għall-ħlas f'kull livell. Għandhom jiġu kkunsidrati inċentivi mhux finanzjarji b'impatt 'favur il-familja', bħal ċentri li jieħdu ħsieb it-tfal matul il-ġurnata.
- It-taħriġ professjonali u kontinwu, it-tagħlim tul il-ħajja: It-taħriġ għandu jkabbar il-'professjonaliżmu' u l-impjegabilità tal-ħaddiema. L-intrapriżi għandhom joffru aktar apprendistati u korsijiet ta' taħriġ fejn dan ikun ekonomikament u soċjalment vijabbli.
- Is-saħħa u s-sigurtà: Il-linji politiċi għandhom jitfasslu b'diskussjoni ma' l-impjegati u għandhom jiġu żviluppati programmi mmirati sabiex jindirizzaw problemi li huma speċifiċi għas-settur.
- Ir-ristrutturazzjoni: L-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jinżammu mgħarrfa dwar is-sitwazzjoni tal-kumpanija tagħhom, u jiġu infurmati u kkonsultati dwar kwalunkwe eżerċizzju ppjanat ta' ristrutturazzjoni. Dan jevita jew talanqas jillimita kwalunkwe konsegwenza għall-impjegat u jevita kwalunkwe tħassir tar-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol

Ix-xogħol fil-lukandi u r-ristoranti huwa varjat, iżda d-dokumentazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà tiffoka fuq ir-riskji tal-ħidma fil-kċejjen u, f'miżura anqas, fuq il-wejters. L-attivajiet ta' sostenn bħat-tindif u l-forniment ta' prodotti rari huma rrappreżentati f'rapporti xjentifiċi. Il-ħaddiema jiffaċċjaw ukoll riskji fiżiċi u psiko-soċjali, fosthom perikli soċjali u sigħat twal.

Is-settur joffri impjeg u kundizzjonijiet tax-xogħol atipiċi, li huwa rifless kemm fil-ħin tax-xogħol kif ukoll fit-tip ta' kuntratti. B'mod ġenerali, dan is-settur jitlob aktar flessibilità fil-kundizzjonijiet u l-ħin tax-xogħol. Kien hemm deterjorament notevoli fil-kundizzjonijiet tax-xogħol mill-1995 sa l-2000, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' riskji psiko-soċjali bħall-kundizzjonijiet ergonomiċi, l-esiġenzi tax-xogħol, is-sigħat tax-xogħol u l-awtonomija fix-xogħol.

Is-settur tal-Horeca qiegħed jitbiddel b'pass mgħaġġel hekk kif deħlin teknoloġiji ġodda fis-suq u jinbidlu t-talbiet tal-konsumatur. Il-fatturi wara din it-trasformazzjoni huma bosta u varjati, fosthom: bidliet soċjoloġiċi bħad-diversifikazzjoni tad-djar u d-diversi rwoli li n-nies jaqdu llum il-ġurnata; bidliet demografiki hekk kif is-soċjetà tixjieħ; u bidliet ekonomiċi bħall-inkorporazzjonijiet (mergers), ir-ristrutturazzjoni u moviment aktar liberu tal-ħaddiema u r-riżorsi.

L-aktar riskji sinifikanti tax-xogħol fis-settur huma:

- xogħol fiżikament iebes li jinvolvi pożizzjonijiet bilwieqfa u statiki fit-tul, ġarr u rfiġ u movimenti ripetittivi, sikwit ikkombinati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol oħra mhux favorevoli bħat-tqassim ħażin tal-post tax-xogħol;
- esponiment għal livelli għoljin ta' ħsejjes; xi 29 % tal-ħaddiema fis-settur huma esposti għall-istorbju u aktar minn 4 % iħossu li dan ipoġġi s-saħħa tagħhom f'riskju (!);
- ambjenti tax-xogħol sħan jew kesħin, speċjalment it-taħlita ta' temperaturi għoljin ma' kurrenti, bibien miftuħa, alternar bejn xogħol f'kundizzjonijiet sħan u umdi u ambjenti kesħin bħall-kmamar tal-ħażna;
- qatgħat u ħruq;
- tfixkil, żelqiet u waqgħat ikkawżati minn pavimenti mxarba u jiżolqu, ostakli u waqgħat minn għoli;
- sustanzi perikolużi, per eżempju l-użu mifrux ta' aġenti tat-tindif u aġenti bijoloġiċi fl-ikel.

L-aktar fatturi ta' riskju psiko-soċjali importanti huma:

- is-sigħat twal u mhux standard tax-xogħol; is-settur huwa kkaratterizzat minn xiftijiet twal, sigħat tax-xogħol irregolari mhux normali; ħafna mix-xogħol isir meta nies oħra ma jkunux ix-xogħol;
- id-diffikultajiet biex iżżomm bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' prevedibilità tal-ħin tax-xogħol, it-tul tal-ġranet tax-xogħol u n-nuqqas ta' kontroll fuq ix-xogħol;

- l-ammont kbir ta' xogħol u l-pressjoni tal-ħin; xi 75 % isemmu li jaħdmu b'ritmu mgħaġġel; 66 % iridu jaħdmu ma' skadenzi stretti; xi 48 % jgħidu li m'għandhomx ħin biżżejjed biex ilestu x-xogħol (!);
- ftit kontroll fuq ix-xogħol: ix-xogħol monotonu li huwa nieqes mill-kreattività u li ftit jeħtieġ inizzjattiva huwa mifrux ħafna;
- il-kuntatt mal-kollegi u l-kok: in-nuqqas ta' appoġġ jista' jiggrava t-tensjoni tax-xogħol; xi 70 % tal-forza tax-xogħol iħossu li jistgħu jitolbu l-appoġġ mill-kollegi; 53 % biss mingħand is-superviżuri (!);
- il-kuntatt kontinwu mal-klijenti, li jista' jkun sors ta' tensjoni jew, fl-aġar każijiet, iwassal għal abbuż jew saħansitra vjolenza;
- in-nuqqas ta' taħriġ u edukazzjoni: partijiet mill-impjegji ma jeħtieġu ebda edukazzjoni formali u għandhom bżonn biss ta' livell baxx ta' taħriġ u esperjenza; l-individwi mhux dejjem ikunu mħarrġa sewwa biex jagħmlu x-xogħol tagħhom, li jista' jwassal għal aktar tensjoni.

Studji tal-każijiet

L-istudji tal-każijiet jiffukaw fuq il-prevenzjoni prattika tar-riskji għall-ħaddiema f'dan is-settur. Ir-rapport jipprovdi deskrizzjonijiet ta' 18-il azzjoni prattika fuq il-post tax-xogħol, li jiddeskrivu l-involviment, il-motivi u l-għanijiet tal-gruppi parteċipanti. Huwa jidentifika u jevalwa wkoll ir-riżultati, l-effetti sekondarji, il-fatturi ta' suċċess u l-problemi. L-istudji tal-każ intgħażlu sabiex juru r-riskji differenti li qiegħed jittratta s-settur tal-Horeca u biex jirriflettu l-varjetà ta' l-ambjenti tax-xogħol. Dan jinkludi mhux biss ir-ristoranti u l-lukandi, iżda wkoll il-kantins ta' l-iskejjel, il-każini u l-ħwienet tax-xorb.

Prevenzjoni tar-riskji ta' suċċess tinvolvi:

- evalwazzjoni tajba tar-riskji; l-identifikazzjoni minn qabel tal-perikli hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li jkun qegħdin jiġu indirizzati l-kwistjonijiet korrettji;
- l-involviment tal-ħaddiema sabiex ikun żgurat li l-kwistjonijiet kollha jiġu identifikati u li jinħoloq l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-miżuri ta' prevenzjoni;
- l-impenn tal-maniġment;
- sħubijiet ta' suċċess biex jiġu varati inizzjattivi kbar fuq skala reġjonali, nazzjonali jew settorali; biex ikun żgurat is-suċċess ta' dawn it-tipi ta' proġetti, jeħtieġ li jiġu involuti l-partijiet kollha interessati;
- it-taħriġ adattat;
- approċċ inklussiv li juża tipi differenti ta' azzjoni, li jista' jżid is-suċċess globali ta' kwalunkwe azzjoni li tittieħed.

Aktar informazzjoni dwar l-OHS fis-settur tal-Horeca tinsab fuq: <http://osha.europa.eu/sector/horeca/>

Aktar informazzjoni dwar l-OHS fis-settur tal-Horeca f'Malta tinsab fuq; <http://www.osha.org.mt/>

(!) Parent-Thirion, A. et al., *Fourth European survey on working conditions*, 2005, European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions – *Ir-Raba' Stharriġ Ewropew dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol*, 2005, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u x-Xogħol (Eurofound) 2007.

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao

Tel. (+34) 94 479 43 60, fax (+34) 94 479 43 83

E-mail: information@osha.europa.eu

